Nieħdu, issa, xi twiddib minn lezzjonijiet tal-"*London School of Journalism*":

"L-effett tiegħek tħassru jekk tikteb iż-żejjed dwar il-karattri u titlifhom f'retrospettiva twila. Dan kollu jdejjaq lill-qarrej u wkoll itellef til-mixi tar-rakkont; u huwa sewwa sew f'din il-ħaġa li għandu jqum l-interess.

"Il-qarrej l-aktar li jimpurtah mill-egħmejjel u l-kontra-egħmejjel tal-karattri ewlenin.

"Fil-kitba qatt tieqaf biex tagħmel riflessjonijiet jew biex timmoralizza.

"L-attenzjoni tal-qarrej għandha tinġibed mill-ewwel u l-ġibda għandha tinżamm tul il-ġrajja. Il-ġrajja jaħtieġ li tibqa' miexja dejjem 'il quddiem. M'għandhiex terġa' lura. Xejn ma għandu jkun hemm li jfixkel lill-qarrej bid-damma tal-ġrajjiet.

"Kull ħaġa li tiġri għandha żżid il-qagħda drammatka u tqarreb dejjem lejn l-egħluq."

Dawn il-punti ewlenin dwar il-kitba tan-novella mhumiex regoli. In-novella ma hi marbuta bl-ebda regoli. Huma twissijiet u twiddib, minn nies li huma mħarrġin biż-żejjed f'din il-fergħa tal-letteratura, għall-kittieba ġodda biex dawn ifittxu li jiktbu n-novelli tagħhom bi stil li l-lum huwa magħdud bħala l-aħjar fost kull stil ieħor li n-novella nkitbet bih fl-evoluzzjoni tagħha.

Għażilt dawn il-punti fost kollox għax deherli li huma l-aktar li jolqtu n-novelli maltin fl-għeltijiet tagħhom.

Ġużi Mallia.

**Wasluna** : *Word ta' Qari Malti*, it-tielet ktieb, tal-Professuri P.P. Saydon u Ġ. Aquilina; *Is-Salib tal-Fidda* ta' Wistin Born; *Sħaba Sewda u tnax-il Novella oħra; L-Għajn tas-Saħħa* ta' S. Agius; *Dun Mikiel Xerri* ta' S. Mifsud. Nitkellmu fuqhom darb'oħra.

# BIBLIOGRAFIJA

**Il-Għana ta' Dun Karm**, tliet kotba (1939-40), ***Excelsior Press.***

Bis-saħħa, bil-ħidma, u bil-ħeġġa tat-tabib Ġużè Bonnici għandna f'idejna, miġbura fi tliet kotba, il-poeżiji kollha ta' Dun Karm, l-aqwa poeta Malti. L-ewwel ktieb "X'ħabb u x'ħaseb il-Poeta" iħaddan fih ġemgħa sabiħa ta' poeżija lirika, poeżija mixgħula bid-dawl ta' l-ispirazzjoni, kbira fil-qawwa tal-ħsebijiet oriġinali, ħjelija, fejjieda, sħiħa fil-għażla ta' kliem safi, mimlija b'ritmu meqjus u b'versi mexxejja. Laqtuna s-sentimenti ta' mħabba lejn art twelidna li nsibu f'ħafna mill-poeżiji, sentimenti maħruġa f'ħin ta' ferħ jew ta' niket minn moħħ li jaf jaħseb u minn qalb li taf tħobb. Araw kif il-poeta jikteb fuq Malta :

Malta, Malta, s-swar li ħammru
B'demm uliedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu l-għadu, jirbħu s-snin.

U, msaħħar minn ġmielha, iżid itarrfilha mħabbtu :

Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira
Setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
U ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

Imma, mxabba' mid-drawwiet koroh li dieħla bla lġiem f'pajjiżna, u mis-semm li qed jiġri fl-ibliet u mill-ibliet għall-irħula, jgħidilha bi kliem niggieżi u aħrax :

Kont il-warda tad-dinja u sirt bħal miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġo fik;
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha !
u d-dinja tidħak bik.

It-tieni ktieb "X'Emmen il-Poeta" jiġbor fih il-għana reliġjuż kollu. Jiftaħ bl-ewwel poeżija li kiteb bil-Malti "Quddiem Xbieħa tal-Madonna", ħelwa u safja, ċkejkna imma kbira fil-ħsieb. "Is-siwi tagħha," jgħid Dr. Ġużè Bonnici, "iżid jikber meta wieħed jaħseb li hi fetħet it-triq għal kotra ta' għana ieħor u kienet ix-xrara li kebbset il-lehma ta' Dun Karm u għamlitu, minn poeta ħlejju fl-ilsien taljan, Poeta kbir fi lsienna" U ma' din il-poeżija, bħal ward li jinfetaħ, waħda waħda, ma' dħul Mejju, kollu mlewwen, bellusi, għaxxieqi, hekk, waħda wara l-oħra, jiġu fuq il-mitt poeżija oħra, mimlijin b'imħabba Nisranija.